idpc.
INFORMATION AND DATA PROTECTION COMMISSIONER

**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**CDP/COMP/67/2025**

[redacted]

**vs**

[redacted]

**L-ILMENT**

1. Illi fit-3 ta' Frar 2025, is-[redacted] (l-**"ilmentatur"**) ressaq ilment quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (il-**"Kummissarju"**) ai termini tal-artikolu 77(1) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[1] (ir-**"Regolament"**) fir-rigward ta' aċċess mhux awtorizzat minn impjegata tal-[redacted] (il-**"kontrollur"**), u cioe' mis-[redacted], għall-kont bankarju tiegħu. Dan ġie żvelat waqt il-medjazzjoni għas-separazzjoni konjugali tiegħu, li matul dan il-proċess, martu, permezz tal-avukat tagħha, bagħtet abbozz ta' ftehim, u f'paġna erbgħa (4), *"hemm indikat bl-aktar mod car, il-kont bankarju tieghi personali, in-numru u sahansitra l-ammont li hemm f'dan il-kont"* [sic].

**INVESTIGAZZJONI**

2. Illi bħala pass preliminari tal-investigazzjoni, il-Kummissarju pprovda lill-kontrollur kopja tal-ilment flimkien mad-dokumentazzjoni pprovduta mill-ilmentatur, u sabiex id-dritt tal-kontrollut li tinstema' jiġi ggarantit, ingħata l-opportunità sabiex jiddefendi ruħu u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fuq dan l-ilment. Barra minn hekk, bis-saħħa tas-setgħat investigattivi tal-Kummissarju kif stabbiliti skont l-artikolu 58(1)(e) tar-Regolament, il-kontrollur ġie ordnat sabiex jipprovdi aċċess għall-*audit trail* fir-rigward ta' kwalunkwe aċċess għas-sistemi tal-kontrollur li allegatament setgħu twettqu fuq id-*data* personali tal-

[1] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE.

ilmentatur. Il-Kummissarju talab li l-informazzjoni għandha tinkludi dettalji tar-rwol tal-impjegat u l-*business need* għall-aċċess tar-rekords tal-ilmentatur.

3. Illi l-kontrollur ipprovda s-sottomissjonijiet fis-27 ta' Frar 2025, u elenka s-segwenti argumenti prinċipali sabiex il-Kummissarju jkun jista' jikkunsidra fl-analiżi legali tal-każ odjern:

    i. illi l-impjegata indikata mill-ilmentatur, is-[redacted], qatt ma aċċessat il-profil inkwistjoni. Fil-fatt, ma hemm l-ebda referenza minima għall-impjegata fl-*audit trails*;

    ii. illi l-investigazzjoni ġiet estiża għal kull aċċess, mhux biss għall-impjegata indikata; u

    iii. illi flimkien mas-sottomissjonijiet tiegħu, il-kontrollur ipprovda kopja tal-*logs* u anke kopja tar-rapport tal-każ, għall-konsiderazzjoni tal-Kummissarju.

4. Illi wara li eżamina bir-reqqa dawn l-*audit trails*, il-Kummissarju stabbilixxa li ma hemm l-ebda evidenza li turi li s-[redacted] kienet aċċessat ir-rekords bankarji tal-ilmentatur, jew li xi impjegat ieħor tal-kontrollur kellu xi aċċess għal din id-*data*. Permezz tas-sottomissjonijiet tal-kontrollur, il-Kummissarju kkonferma li *"the documents were only accessed by system accounts carrying out automated processes, never by users directly"*.

**A bażi tas-suespost, u skont l-*audit trails* ipprovduti mill-kontrollur, il-Kummissarju ma sab l-ebda evidenza li effettivament turi xi kien hemm xi forma ta' aċċess għar-rekords bankarji u finanzjarji tal-ilmentatur minn xi uffiċjal tal-kontrollur u li din l-informazzjoni setgħet għaddiet lil terzi. Għaldaqstant, tenut kont ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kummissarju qiegħed jiddeċiedi billi jiċħad l-ilment fl-intier tiegħu.**

Ian DEGUARA (Signature)
Digitally signed by Ian DEGUARA (Signature)
Date: 2025.03.24 15:24:34 +01'00'

**Ian Deguara**
**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

idpc.
INFORMATION AND DATA PROTECTION COMMISSIONER

**Dritt tal-Appell**

Skont l-artikolu 26 (1) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Kap. 586 tal-Liġijiet ta' Malta), "*[p]ersuna li lilha tkun ġiet indirizzata deċiżjoni legali vinkolanti tal-Kummissarju, ikollha l-jedd li tappella bil-miktub lit-Tribunal fi żmien għoxrin jum minn meta tiġi notifikata bl-imsemmija deċiżjoni kif previst fl-artikolu 23*".

Appell lit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* għandu jsir bil-miktub u indirizzat lil:

**Is-Segretarja**
**Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***
**158, Triq il-Merkanti**
**Valletta.**